PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0202/2010**

14.6.2010

# RAPPORT

dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u r-rwol tal-makroreġjuni fil-politika ta’ koeżjoni futura
(2009/2230(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Wojciech Michał Olejniczak

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ...........................................................................................12

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN ......................................15

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL ...............................................................................................19

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU ......................................23

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ..................................................27

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u r-rwol tal-makroreġjuni fil-politika ta' koeżjoni futura (2009/2230(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (COM(2009)0248), kif ukoll il-pjan ta' azzjoni indikattiv li jakkumpanja l-istrateġija,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fis-26 ta' Ottubru 2009 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-8 ta' Lulju 2008 dwar l-impatt fuq l-ambjent tal-pajplajn tal-gass fil-Baħar Baltiku ppjanat biex jgħaqqad lir-Russja mal-Ġermanja[1],
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2006 dwar Strateġija tal-Baħar Baltiku għad-Dimensjoni tat-Tramuntana[2],
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (ECO/261) u dwar "Il-kooperazzjoni makroreġjonali. L-applikazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku għal makroreġjuni oħra fl-Ewropa" (ECO/251),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-21 u t-22 ta' April 2009 dwar "Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-istrateġija l-ġdida tal-Baħar Baltiku",
- wara li kkunsidra l-Opinjoni fuq inizjattiva tal-Kumitat tar-Reġjuni bit-titlu "White Paper tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Governanza f'Diversi Livelli", (CdR 89/2009 finali),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, kif ukoll l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0202/2010),

A. billi mit-tkabbir tal-Unjoni Ewropea fl-2004, il-Baħar Baltiku sar baħar intern tal-UE, li jgħaqqad lill-pajjiżi iżda fl-istess ħin huwa sfida għalih innifsu, u billi l-pajjiżi ta' dan ir-reġjun juru interdipendenza kbira u jaffrontaw sfidi simili,

B. billi l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku hija strateġija pilota għal strateġiji makroreġjonali futuri u s-suċċess tal-Istrateġija jista' jkun mudell għall-mod kif jistgħu jiġu implimentati strateġiji tal-futur,

C. billi l-idea li jinħolqu reġjuni funzjonali, miġbura skont objettivi jew problemi komuni ta' żvilupp, tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-effikaċja tal-politika reġjonali tal-Unjoni Ewropea,

[1] ĠU C 287E, 3.12.2009, p.3.
[2] ĠU C 303E, 21.12.2006, p. 330.

D. billi sabiex tiżdied l-effikaċja tal-politika reġjonali, b'mod partikolari fid-dawl tar-riforma tagħha prevista wara l-2013, huwa tajjeb li jsir minn kollox biex jiġi appoġġat u żviluppat il-kunċett li jikkonsisti fl-adozzjoni ta' approċċ integrat u t-tfassil tal-istrateġiji dwar il-makroreġjuni li japplikaw għall-Unjoni Ewropea kollha, iżda li l-implimentazzjoni tagħhom m'għandhiex iġġib magħha nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid tal-politika ta' koeżjoni,

E. billi l-Baħar Baltiku għadu l-aktar baħar imniġġes fl-Unjoni Ewropea, u l-istat ambjentali tiegħu m'għandux imur għall-agħar minħabba l-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali fuq skala kbira fil-Baħar Baltiku u madwaru (inklużi pajjiżi mhux fl-UE),

1. Jifraħ bil-fatt li l-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, li ntalbet mill-Parlament mill-2006, ġiet adottata mill-Kummissjoni u tibbenefika mill-appoġġ tal-Kunsill Ewropew;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon, b'mod partikolari, il-fatt li din l-istrateġija tirriżulta minn konsultazzjoni twila tal-partijiet interessati fi ħdan l-Istati Membri, mhux biss fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, iżda wkoll fil-livell tad-dinja akkademika u ta' dik tal-intrapriżi kif ukoll tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jinsab konvint li l-proċess ta' konsultazzjoni u ta' sħubija tal-imsieħba, mill-bidu nett, fl-ambitu tax-xogħlijiet relatati ma' din l-istrateġija huwa fattur determinanti għas-suċċess tagħha; f'dan ir-rigward jilqa' t-twaqqif ta' forum tas-soċjetà ċivili fir-reġjun bħalma hu s-Samit tal-Baħar Baltiku u jitlob li jkun hemm aktar inizjattivi simili għall-makroreġjuni li jlaqqgħu flimkien atturi pubbliċi u privati hekk li jippermettulhom li jkunu aktar involuti fl-iżvilupp ta' strateġiji makroreġjonali;

3. Jirrakkomanda f'dan il-kuntest li jiżdied l-involviment ta' komunitajiet lokali billi jitwaqqfu strumenti ta' komunikazzjoni u konsultazzjoni usa' u aktar iffukati, inkluż permezz tal-midja lokali (televiżjoni lokali, radju u ġurnali online u stampati); jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħloq portal speċjali fuq l-internet dedikat għall-Istrateġija tal-Baħar Baltiku li jaġixxi bħala forum għall-iskambju tal-esperjenzi dwar proġetti attwali u futuri ta' gvernijiet ċentrali u lokali, NGOs u entitatijiet oħra attivi fil-Baħar Baltiku;

4. Jilqa' l-Istrateġija tal-UE2020, li hija konsistenti mal-miri stabbiliti dwar l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u jinnota li l-UE2020 tista' taġixxi bħala qafas effiċjenti għall-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku;

5. Jinsab konvint li l-oqfsa l-ġodda ta' kooperazzjoni, ibbażati fuq il-prinċipji ta' approċċ integrat u previsti minn din l-istrateġija, għandhom iħejju t-triq għal użu iktar razzjonali u iktar effikaċi tar-riżorsi maħsuba għall-iffinanzjar tal-protezzjoni tal-ambjent u tal-iżvilupp fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku, kemm minn fondi Komunitarji u nazzjonali kif ukoll permezz ta' diversi istituzzjonijiet finanzjarji;

**6.** Jiġbed l-attenzjoni għad-disproporzjon f'termini ta' żvilupp ekonomiku u innovazzjoni li jeżisti fir-reġjun tal-Baħar Baltiku u għall-ħtieġa li jiżdied il-potenzjal taż-żoni kollha, inklużi dawk l-aktar żviluppati, billi dawn jistgħu jgħinu jmexxu 'l quddiem ir-reġjuni lanqas vantaġġati; jindika l-ħtieġa ta' promozzjoni ta' żoni ġodda ta' żvilupp u innovazzjoni potenzjali u li tittieħed l-opportunità li jintuża l-valur miżjud tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u ta' strateġiji makroreġjonali futuri sabiex jintlaħaq livell ġdid ta' sinerġija li jista' jnaqqas id-disparitajiet eżistenti sabiex tinħoloq żona ġdida permanenti ta' prosperità komuni b'livell għoli ta' kompetittività, li hija kruċjali vis-à-vis l-popolazzjoni li qed tixjieħ u l-mudelli ġodda ta' globalizzazzjoni**;**

7. Jenfasizza li l-implimentazzjoni pronta u konsistenti tal-atti legali tal-UE eżistenti mfassla għat-tisħiħ tas-suq intern, bħad-Direttiva dwar is-Servizzi, hija neċessarja għaż-żieda tal-attrazzjoni tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku bħala żona ekonomika;

8. Jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom biex jużaw il-Fondi Strutturali disponibbli għall-2007-2013 sabiex jingħata appoġġ kemm jista' jkun kbir għall-Istrateġija, b'mod partikolari biex jippromwovu opportunitajiet ta' impjieg u t-tkabbir ekonomiku fiż-żoni l-aktar milquta mill-kriżi ekonomika, filwaqt li fl-istess ħin jirrakkomanda, fejn ikun ġustifikat, li jkun hemm dispożizzjonijiet għal bidliet fil-Programmi Operattivi fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali; jenfasizza li l-esplojtazzjoni ta' karatteristiċi partikolari tar-reġjuni tista' twassal għal użu aktar effettiv tal-Fondi Strutturali u għall-ħolqien ta' valur miżjud fil-livell reġjonali;

9. Jinnota l-impatt qawwi li kellha l-kriżi dinjija finanzjarja u ekonomika fuq il-pajjiżi kollha fir-reġjun, b'mod partikolari fl-Istati Baltiċi; jistieden lill-partijiet interessati kollha biex ma jnaqqsux l-impenn tagħhom lejn l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku minħabba l-kriżi;

10. Iqis li l-azzjonijiet kollha li jirrigwardaw il-politiki settorjali b'dimensjoni territorjali huma ta' importanza kruċjali għas-suċċess tal-Istrateġija attwali u t-twettiq ta' objettivi ambizzjużi fl-ambitu tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, inklużi l-politika agrikola komuni, il-politika tas-sajd, il-politika tat-trasport, il-politika industrijali, il-politika tar-riċerka u politika attwali għall-infrastruttura, kif ukoll il-ġabra flimkien ta' fondi disponibbli għal objettivi definiti b'mod konġunt f'żona partikulari; f'dan ir-rigward, għandu jkun hemm reviżjoni tal-politiki mill-perspettiva ta' dawn l-isfidi l-ġodda , jitwaqqaf qafas xieraq fil-livell tal-UE u għandu jiġi determinat kif dan il-qafas għandu jirrelata mal-istrutturi nazzjonali u lokali eżistenti;

11. Iqis li d-dimensjoni territorjali tal-istrateġija għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp konkret tal-idea ta' koeżjoni territorjali, li t-Trattat ta' Lisbona jqiegħed fuq l-istess livell tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, u filwaqt li jikkunsidra dan, jappella lill-Kummissjoni biex tinvolvi ruħha fi djalogu attiv dwar ir-rwol u l-effett tal-politiki makroreġjonali tal-UE wara l-2013;

12. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fir-regolament ġenerali dwar il-Fondi Strutturali li se jkun hemm abbażi ta' dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni territorjali, li jkunu ċari u li jikkunsidraw il-kulturi amministrattivi differenti u ma jimponux piżijiet amministrattivi żejda fuq il-benefiċjarji, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati u r-reġjuni u l-iżvilupp ta' aktar strateġiji ta' azzjoni komuni li jistgħu jseddqu l-attrazzjoni tar-reġjun fil-livell Ewropew u dak internazzjonali u li wara jistgħu jikkostitwixxu mudell għall-kooperazzjoni transkonfinali;

13. Jenfasizza li l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha tiġi kkunsidrata bħala proċess li l-prinċipji tiegħu ta' azzjoni u ta' kooperazzjoni huma suġġetti għal żvilupp kontinwu, u dan jitlob li l-istrateġija tiġi aġġornata u li l-objettiv ewlieni huwa li jitfasslu l-aħjar mekkaniżmi li jistgħu jiġu applikati għall-istrateġiji makroreġjonali futuri; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza li jingħabru u jsir sommarju u promozzjoni tal-inizjattivi li jirnexxu u tar-riżultati miksuba; jappoġġa l-pjan tal-Kummissjoni li tinħoloq database tal-aħjar prattiki bl-iskop li dawn il-prattiki jintużaw biex jiżviluppaw strateġiji makroreġjonali futuri;

14. Jinsab konvint li l-kooperazzjoni territorjali żviluppata fl-ambitu tal-istrateġiji

makroreġjonali tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tisħiħ tal-proċess ta' integrazzjoni permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti; f'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni ta' elementi soċjali, ekonomiċi, kulturali, edukattivi u turistiċi hija rakkomandata għall-istrateġiji makroreġjonali u, sabiex jissaħħu l-parteċipazzjoni u s-sussidjarjetà tas-soċjetà ċivili lokali, iqis li huwa importanti wkoll li jiġu promossi strateġiji makroreġjonali billi jitwaqqfu EGTCs (European Groupings of Territorial Cooperation);

15. Jenfasizza li huwa importanti li wieħed ikompli jippromwovi l-iżvilupp tal-kultura, l-edukazzjoni u r-riċerka u l-innovazzjoni, u jħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri biex jikkooperaw iktar mill-qrib partikolarment f'dawn l-oqsma msemmija l-aħħar; jirrikonoxxi li fil-qasam tal-edukazzjoni, il-kooperazzjoni m'hemmx dubju li tista' tkun ta' benefiċċju kbir, iżda l-kompetenza għandha tibqa' f'idejn l-Istati Membri jirrakkomanda t-tisħiħ tal-approċċ strateġiku u l-ippjanar fit-tul fir-rigward tal-makroreġjuni;

16. Iggwidat mill-prinċipju ta' sussidjarjetà u b'konsiderazzjoni tal-possibilitajiet enormi ta' kooperazzjoni fil-livelli lokali u reġjonali, jenfasizza l-importanza konsiderevoli li titwaqqaf struttura ta' kooperazzjoni effikaċi f'diversi livelli permezz tal-promozzjoni ta' sħubiji settorjali, b'laqgħat regolari ta' persuni kompetenti li jfasslu l-politiki, li għandu jsaħħaħ ir-responsabilità kondiviża bejn l-entitajiet imsieħba varji filwaqt li titħares s-sovranità organizzazzjonali tal-Istati Membri u r-reġjuni; f'dan ir-rigward, jappella biex il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transkonfinali stabbiliti fil-livell lokali u reġjonali jiġu mtejba, żviluppati u msaħħa;

17. Jenfasizza l-fatt li l-qafas ġdid 'makroreġjonali' għall-kooperazzjoni għandu approċċ qawwi "minn fuq għal isfel" hekk li l-Istati Membri għandhom irwol deċissiv fl-iżvilupp tiegħu u joħloq livell ġdid ta' governanza; fil-qafas ta' dan il-mudell ġdid ta' kooperazzjoni ġie żgurat li l-iżvantaġġi naturali ta' żewġ reġjuni perferali issa saru patrimonji u opportunitajiet, u li l-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni ġie stimulat;

18. Iqis li makroreġjuni jiġbru fihom il-potenzjal kbir ħafna f'termini tal-aħjar użu tar-risposti għal sfidi għal territorju partikolari mal-potenzjal li jintużaw l-opportunitajiet u r-riżorsi partikolari ta' kull reġjun b'mod effiċjenti u effettiv;

19. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tanalizza l-ewwel riżultati u esperjenzi b'konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku li jgħin biex jidentifika s-sorsi u l-metodi possibbli għall-finanzjament ta' strateġiji għal makroreġjuniu jgħin biex jintuża l-eżempju tal-istrateġija bħala proġett pilota għal strateġiji għal makrokreġjuni oħrajn sabiex tintwera l-funzjonalità tagħhom; jenfasizza madankollu li l-iżvilupp ta' makroreġjuni huwa essenzjalment ta' natura kumplimentarja u m'għandux ikollu l-iskop li jieħu post il-finanzjament tal-UE għal programmi individwali u reġjonali bħala prijorità ta' finanzjament;

20. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku s'issa mxiet bil-mod wisq; iqis li l-approprjazzjonijiet allokati fil-baġit 2010 tal-UE jistgħu jintużaw biex titjieb l-implimentazzjoni; jiddispjaċih, għalhekk, li dawn l-approprjazzjonijiet għadhom ma tħallsux u jfakkar lill-Kummissjoni dwar l-importanza li dawn il-flus jiġu allokati mill-aktar fis possibbli għal iskopijiet li huma konformi mal-miri tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku.

**21.** Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fid-dawl tal-funzjonament tajjeb possibbli tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, jeħtieġ li l-Kummissjoni tirregola l-kwistjoni tar-riżorsi tagħha sabiex dawn l-istrateġiji jiġu antiċipati fir-reġjuni konċernati abbażi tar-realtajiet territorjali billi tipprovdi lill-Istati Membri parteċipanti b'idejat ġodda rigward suġġetti ta' interess Ewropew u billi tappoġġahom biex ifasslu strateġija; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji billi taġixxi ta' koordinatur u billi tirrevedi l-prijoritajiet il-ġodda filwaqt li talloka r-riżorsi abbażi tal-ħtiġijiet speċjalizzati u rekwiżiti ta' għarfien espert, filwaqt li tevita duplikazzjoni ta' xogħol;

22. Jistieden lill-Kummissjoni, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li wieħed jipproċedi għal evalwazzjoni ta' nofs iż-żmien tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku, biex tfassal b'attenzjoni strumenti u kriterji għall-evalwazzjoni tal-proġetti fuq il-bażi ta' indikaturi li jippermettu li jsir paragun;

23. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-membri tiegħu stess biex isibu soluzzjoni għall-mistoqsijiet dwar in-natura tal-istrateġiji makroreġjonali u kif jistgħu jiġu ttratati b'mod ekwu (bħala programmi separati jew fl-ambitu tal-politika ta' koeżjoni), min se jkun inkarigat mill-implimentazzjoni tagħhom u kif, liema fondi għandhom jiġu allokati sabiex ma tinħoloqx multiplikazzjoni mhux meħtieġa u frammentazzjoni tal-finanzjament tal-UE, partikolarment fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE għall-2020, ir-reviżjoni tal-baġit tal-UE u d-diskussjoni dwar il-politika futura ta' koeżjoni;

24. Jenfasizza li l-valur miżjud Ewropew tal-makroreġjuni jissarraf f'kooperazzjoni akbar bejn l-istati u r-reġjuni, u għalhekk il-Programmi Ewropej għall-Kooperazzjoni Territorjali għall-kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali huma element ewlieni fl-implimentazzjoni tal-objettivi tal-makroreġjuni; jipproponi wkoll li l-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha titqies bħala strateġija tal-Unjoni Ewropea, ibbażata fuq diversi politiki tal-UE, li għandu jkollha skadenza u miri definiti; ***minħabba n-natura orizzontali tagħha,l-istrateġija tista' tiġi ttrattata bħala makroreġjonali u l-koordinazzjoni tagħha tista' taqa' taħt il-politika reġjonali;***

***25.*** Jemmen li l-iżvilupp ta' strateġiji fuq skala kbira, bħal strateġiji makroreġjonali, għandu jikkontribwixxi biex jikber ir-rwol tal-livell lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE b'mod aktar ġenerali;

**Dimensjoni esterna**

26. Jitlob li jkun hemm titjib, fil-kuntest tal-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku kif ukoll tal-istrateġiji makroreġjonali futuri, fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-istati mhux tal-UE , b'mod partikulari fl-implimentazzjoni ta' proġetti fuq skala kbira li jkollhom impatt ambjentali sinifikattiv; barra minn hekk, jitlob li jkun hemm kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-istati mhux tal-UE sabiex tissaħħaħ is-sigurtà fir-reġjun u jingħata appoġġ għall-ġlieda kontra kriminalità transkonfinali.

27. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li titfittex kooperazzjoni akbar b'mod partikolari bejn ir-Russja u l-Belarus u l-Istati Baltiċi fil-bini ta' netwerk tal-enerġija, u biex jittieħed vantaġġ akbar mid-djalogu dwar l-enerġija bejn l-UE u r-Russja għal dan l-għan, li fl-istess ħin jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-involviment tar-Russja fl-Istrateġija tal-Baħar Baltiku; jistenna li l-atturi kollha madwar il-Baħar Baltiku jissħeħbi ma' ftehimiet

internazzjonali bħall-Konvenzjoni ta' Espoo u l-Konvenzjoni ta' Ħelsinki, li jikkonformaw mal-linji gwida tal-Kummissjoni ta' Ħelsinki (HELCOM) u li jikkooperaw fi ħdan dan il-qafas;

28. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura kooperazzjoni u koordinazzjoni effikaċi mal-HELCOM u mal-Istati Membri tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, biex tiżgura delinjazzjoni ċara tal-kompiti u r-responsabilitajiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2007 tal-HELCOM għall-Baħar Baltiku u l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE msemmijin hawn fuq, u biex b'hekk tiżgura li jkun hemm strateġija globali effikaċi għar-reġjun;

29. Jinnota speċifikament l-istatus tat-territorju tal-Oblast ta' Kaliningrad, li hu mdawwar minn Stati Membri tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi stimulat l-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'dan ir-reġjun, bħala reġjun li jkun ta' 'passaġġ' jew 'pilota' għal relazzjoni eqreb bejn l-UE u r-Russja li tinvolvi NGOs, istituzzjonijiet edukattivi u kulturali u awtoritajiet lokali u reġjonali;

30. Jemmen li l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni l-ġdid mar-Russja għandu jqis il-kooperazzjoni fiż-Żona tal-Baħar Baltiku; jilqa' l-isforzi mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-reġjun biex jikkooperaw mar-Russja f'għadd kbir ta' oqsma, bħall-konnessjonijiet tat-trasport, it-turiżmu, theddid transkonfinali għas-saħħa, il-ħarsien ambjentali u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-ambjent, id-dwana u l-kontrolli fuq il-fruntieri u, b'mod partikolari, il-kwistjonijiet dwar l-enerġija; jemmen li l-ispazji komuni tar-Russja u l-UE se jipprovdu qafas siewi f'dan ir-rigward, u jistieden lir-Russja biex ikollha sehem ugwali f'din il-kooperazzjoni;

31. Jenfasizza l-ħtieġa li tonqos id-dipendenza tar-reġjun fuq l-enerġija Russa; jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ħtieġa għal iżjed interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri fir-reġjun u diversifikazzjoni ikbar tal-provvisti tal-enerġija; jitlob f'dan ir-rigward għal iżjed appoġġ għall-ħolqien ta' portijiet tal-gass naturali likwifikat (LNG);

32. Jemmen li sabiex tinkiseb protezzjoni effettiva tal-ambjent u tal-bijodiversità, għandhom jintlaħqu ftehimiet mal-istati li mhumiex fl-UE li huma parti miż-żoni funzjonali li jinteressawhom l-istrateġiji, biex ikunu jistgħu jaqsmu l-istess valuri, drittijiet u impenji inkorporati fil-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni Ewropea;

33. Iqis li l-Kooperazzjoni fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha tiġi prijoritizzata u għandha ssir fl-ogħla livell politiku ta' Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern, minħabba li hija importanti biex titmexxa 'l quddiem il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Baħar Baltiku u biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-ambizzjonijiet politiċi; jistenna li jsiru laqgħat regolari bejn il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fir-reġjun tal-Baħar Baltiku biex dan jintlaħaq;

**Kwistjonijiet dwar l-ambjent u l-enerġija**

**34.** Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm evalwazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent tal-proġetti infrastrutturali tal-enerġija (kemm dawk li qed jinbnew bħalissa kif ukoll dawk futuri), filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni b'mod partikolari għall-konvenzjonijiet internazzjonali; jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal pjan ta' reazzjoni adegwat għall-inċidenti tekniċi u kwalunkwe katastrofi oħra possibbli, u tipprovdi wkoll modi kif jiġu

trattati dawn l-okkorrenzi mill-perspettiva ekonomika; jenfasizza li l-istess approċċ għandu jiġi adottat għal kwalunkwe proġett futur sabiex is-sigurtà tal-pajjiżi madwar il-Baħar Baltiku involuti fi strateġiji makroreġjonali futuri, il-kundizzjonijiet ambjentali u tat-trasport bil-baħar ma jiġux ipperikolati; iqis li huwa fl-interess tal-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ambjentali li tinkiseb protezzjoni ambjentali qawwija fil-makroreġjuni kollha, kif ukoll li tingħata konsiderazzjoni ugwali għall-protezzjoni ambjentali, l-ivvjaġġar u aspetti oħra;

35. Jenfasizza l-ħtieġa għat-twaqqif ta' Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew, sistema ta' twissija bikrija għall-inċidenti u għat-tniġġiż serju transkonfinali, u forza ta' azzjoni konġunta għal tali sitwazzjonijiet;

36. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza strateġika li għandu r-reġjun tal-Baħar Baltiku għall-iżvilupp ta' proġetti konġunti dwar l-infrastruttura tal-enerġija li jtejbu d-diversifikazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija u l-provvista, b'enfasi speċjali fuq proġetti ta' enerġiji rinnovabbli, bħall-enerġija mir-riħ (fuq l-art jew fil-baħar) jew l-impjanti tal-bijogass għall-bijofjuwils, li hemm f'dan ir-reġjun;

37. Jiġbed l-attenzjoni għall-kooperazzjoni effettiva diġà miksuba fis-settur tal-enerġija u l-klima bejn il-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku u l-Kunsill Nordiku fil-kuntest tad-Dimensjoni tat-Tramuntana;

38. Jenfasizza li fid-dawl tal-espansjoni ppjanata tal-enerġija nukleari fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, il-pajjiżi tal-UE jridu jsegwu l-aktar standards stretti ta' sikurezza u ambjentali u l-Kummissjoni Ewropea għandha tissorvelja u timmoniterja jekk l-istess approċċ u l-konvenzjonijiet internazzjonali humiex jiġu segwiti fil-pajjiżi ġirien, speċjalment f'dawk li qed jippjanaw li jibnu impjanti tal-enerġija nukleari viċin il-konfini esterni tal-UE.

39. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha li jinsabu madwar ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku jindirizzaw b'urġenza l-problemi ambjentali serji li qed jaffettwaw lir-reġjun, li ewlenin fosthom hemm l-ewtrofikazzjoni, l-impatt ta' sustanzi perikolużi ddepożitati f'qiegħ il-baħar u t-theddid għall-bijodiversità akkwatika, b'referenza partikolari għall-popolazzjonijiet ta' ħut li jinsab f'periklu ta' estinzjoni; ifakkar li l-Baħar Baltiku huwa wieħed miż-żoni tal-baħar l-aktar imniġġsa fid-dinja;

40. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi introdott metodu komuni għall-Istati Membri kollha biex jitfassal inventarju tas-sorsi ta' tniġġis u pjan għall-eliminazzjoni gradwali tagħhom;

41. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni tas-sostenibilità ambjentali bħala pilastru ċentrali fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u l-pjan ta' azzjoni ta' magħha;

42. Iqis li wieħed mill-aktar ostakli serji biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku huwa n-nuqqas ta' konsistenza ma' oqsma oħra ta' politika fl-UE, bħal ma hi l-PAK, li jaggrava l-ewtrofikazzjoni, u l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), li mhix ambjentalment sostenibbli; iqis li r-riformi tal-PAK u tal-PKS għandhom isiru b'mod li jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-objettiv ta' żona tal-Baħar Baltiku ambjentalment sostenibbli;

**Statistiċi tat-trasport u t-turiżmu**

43. Jenfasizza li hemm prijorità sabiex jitwaqqaf netwerk ta' komunikazzjoni u ta' trasport bil-baħar, fuq l-art u 'l ġewwa (b'netwerk tal-baħar li jagħtu rwol prominenti lit-trasport tal-merkanzija) li jkun effikaċi u ekoloġiku li jista' jantiċipa u jirrispondi fil-ħin għall-isfidi attwali u futuri bil-konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-verżjoni aġġornata tad-dokument ta' Natura 2000 filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-konnessjonijiet bejn ir-reġjun tal-Baħar Baltiku u reġjuni oħra Ewropej tul il-Kuritur Baltiku-Adrijatiku u l-Kuritur ta' Trasport tal-Ewropa Ċentrali;

44. Iqis li konnessjonjiet imtejba li jinvolvu l-modi kollha tat-trasport jirrappreżentaw kontribut essenzjali għall-iżvilupp ta' ekonomija b'aktar saħħa u koeżjoni fir-reġjun tal-Baħar Baltiku;

45. Jisħaq fuq is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Baltiċi, li fil-preżent huma iżolati min-netwerk tat-trasport Ewropew, u huwa tal-fehma li din l-istrateġija għandha, inter alia, tgħin biex tindirizza n-nuqqas ta' infrastruttura u aċċessibbiltà adegwati, kif ukoll interoperabbiltà baxxa bejn id-diversi netwerks nazzjonali tat-trasport minħabba sistemi tekniċi differenti u ostakli amministrattivi, biex tintlaħaq sistema komprensiva tat-trasport multimodali fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku;

46. Jenfasizza l-importanza li r-Reġjun tal-Baħar Baltiku jiġi integrat aktar mill-qrib fl-assi prijoritarji tat-TEN-T, b'mod partikolari rigward l-Awtostradi tal-Baħar (TEN-T 21), l-estensjoni tal-assi ferrovjarja minn Berlin sal-kosta tal-Baltiku (TEN-T 1), it-titjib tal-assi ferrovjarja bejn Berlin u l-kosta tal-Baltiku flimkien mal-konnessjoni marittima Rostock-Danimarka, u l-ilħiq ta' progress aktar rapidu fit-titjib u l-użu tal-assi Rail Baltica (TEN-T 27); jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu kkompletati l-interkonnessjonijiet bejn ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku u reġjuni Ewropej oħra permezz tal-kuritur Baltiku-Adrijatiku;

*47.* Jisħaq li huwa importanti li l-kapaċità tat-trasport tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku tittejjeb lejn il-Lvant, partikolarment biex tippromwovi l-interoperabbiltà tat-trasport, speċjalment għall-ferroviji, u li jitħaffef it-tranżitu tal-merkanzija fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea;

48. Jemmen li għandha tingħata prijorità partikolari lill-konnessjonijiet bejn il-portijiet u r-reġjuni interni, inkluż permezz tal-ilmijiet interni navigabbli, b'tali mod li jkun żgurat li l-partijiet kollha tar-reġjun jistgħu jibbenefikaw mit-tkabbir tat-trasport marittimu tal-merkanzija;

49. Jenfasizza, f'dan ir-rigward il-ħtieġa għal koordinament u l-kooperazzjoni transkonfinali effikaċi bejn il-ferroviji, il-portijiet tal-baħar, il-portijiet interni, it-terminals fl-intern u l-loġistika biex tiżviluppa sistema tat-trasport intermodali aktar sostenibbli;

50. Jenfasizza l-importanza ta' traffiku marittimu għal distanzi qosra fil-Baħar Baltiku u l-kontribut tiegħu lejn netwerk ta' trasport effiċjenti u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent; jinnota li l-kompetittività ta' konnessjonijiet marittimi qosra jeħtieġ li tiġi promossa biex niżguraw użu effiċjenti ta-baħar; jemmen, għal din ir-raġuni, li l-Kummissjoni jeħtieġ li tipprovdi lill-Parlament Ewropew, mill-aktar fis possibbli, imma mhux aktar tard minn tmiem l-2010, valutazzjoni tal-impatt tal-effetti tal-Anness VI rivedut għall-Konvenzjoni MARPOL, li mill-2015 jillimita l-kubrit fil-fjuwil marittimu għal 0.1% fiż-żoni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku fejn isir monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-kubrit.

51. Jilqa' l-inklużjoni, fil-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni, tal-mira li l-Baħar Baltiku jsir reġjun mudell għat-tbaħħir nadif u jkun minn ta' quddiem fid-dinja f'dak li jirrigwarda s-

sikurezza u s-sigurtà marittima; iqis li dawn il-miri huma kruċjali biex il-potenzjal tar-reġjun għat-turiżmu jinżamm u jissaħħaħ;

52. Jirrikonoxxi l-ħtieġa għal miżuri speċifiċi b'appoġġ għal din il-mira, inklużi l-użu xieraq ta' bdoti marittimi jew baħħara ta' esperjenza bil-provi għall-istretti u l-portijiet l-aktar diffiċli, u l-istabbiliment ta' skemi affidabbli ta' finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp dwar is-sostenibbiltà tat-tħaddim tal-bastimenti;

53. Jagħraf li l-lok ġeografiku tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku huwa eċċezzjonali, u li dan il-lok jipprovdi opportunitajiet biex ir-rabtiet mal-UE u mal-pajjiżi esterni ġirien jiġu żviluppati aktar attivament, u jenfasizza wkoll l-importanza tat-turiżmu għal-ekonomija reġjonali flimkien mal-lok għall-espansjoni; jilqa' d-dikjarazzjoni adottata fit-Tieni Forum dwar it-Turiżmu fil-Baħar Baltiku, fejn saru referenzi għal attivitajiet promozzjonali konġunti, għal sforzi biex jinsabu swieq internazzjonali ġodda u għall-iżvilupp tal-infrastrutturi;

54. Jenfasizza l-opportunità unika għal turiżmu sostenibbli li toffri l-attrazzjoni tal-bliet Ħanseatiċi fir-Reġjun tal-Baltiku; jappoġġa, barra minn hekk, il-promozzjoni ta' turiżmu transkonfinali bir-roti, li joħloq effetti ta' benefiċċju reċiproku għall-ambjent kif ukoll għall-impriżi żgħar u medji;

55. Iqis li temi bħalma huma t-turiżmu tal-isport nawtiku, it-turiżmu tal-benessri u tal-kuri termali, il-wirt kulturali u l-pajsaġġi joffru potenzjal kbir biex jiżviluppaw il-profil tar-reġjun bħala destinazzjoni turistika; jisħaq, għaldaqstant, fuq il-ħtieġa tal-protezzjoni taż-żoni naturali tal-kosta, tal-pajsaġġi u tal-wirt kulturali bħala riżorsa li tiżgura ekonomija sostenibbli fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku fil-ġejjieni;

56. Iqis li t-titjib tal-konnessjonijiet tat-trasport u l-eliminazzjoni tal-passaġġi diffiċli xejn mhuma anqas importanti, u jinnota li d-diffikultajiet fil-qsim bejn pajjiż u ieħor fil-punti ta' kontroll fil-fruntiera tal-Lvant tal-UE mal-Federazzjoni Russa, li jikkawżaw kjuwijiet twal ta' trakkijiet u jirrappreżentaw theddida għall-ambjent, għall-armonija soċjali, għas-sikurezza tat-traffiku u għal dik tas-sewwieqa, jistgħu jissolvew permezz ta' din l-istrateġija biex ikun żgurat il-fluss bla intoppi tal-merkanzija fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku;

°

° °

57. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti nazzjonali u lill-gvernijiet tal-Federazzjoni Russa, tal-Belarus u tan-Norveġja.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fl-era tal-globalizzazzjoni, tat-tibdil rapidu fil-klima u fil-livell demografiku u taż-żieda fil-kompetizzjoni ekonomika, jidher dejjem iktar u iktar sikwit li l-problemi u l-isfidi li qed jitfaċċaw m'għandhomx limiti amministrattivi jew politiċi.

Għaldaqstant, aħna qed naffrontaw il-ħtieġa li jitfasslu tweġibiet speċifiċi għal dawn l-isfidi, li għalihom jaqbel li jiġu adattati l-istrumenti politiċi u finanzjarji eżistenti.

Huwa preċiżament f'dan il-kuntest li tfaċċat l-idea ta' makroreġjun, jiġifieri territorji funzjonali miġbura skont objettivi jew problemi ta' żvilupp komuni, li jħaddnu karatteristiċi u kundizzjonijiet ġeografiċi komuni.

L-istrateġija għar-reġjun tal-Baħar Baltiku hija l-ewwel tentattiv, u sa issa l-uniku wieħed, bl-għan li timplimenta strateġija ta' żvilupp komuni kumplessa għal dan it-tip ta' makroreġjun.

Kif nistgħu naqraw fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni[3], 'ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku huwa żona eteroġenja ħafna mil-lat ekonomiku, ambjentali u kulturali, iżda l-pajjiżi kkonċernati għandhom ħafna riżorsi komuni u juru interdipendenza konsiderevoli.' Minħabba din l-interdipendenza u l-ħtieġa li wieħed jidħol għal sfidi simili, huwa tajjeb li jinbdew azzjonijiet komuni fil-qafas tal-istrateġija għar-reġjun tal-Baħar Baltiku.

Din l-istrateġija ġiet approvata fi tmiem konsultazzjoni twila tal-partijiet interessati fi ħdan l-Istati Membri, fosthom l-awtoritajiet tal-istituzzjonijiet pubbliċi, id-dinja akkademika u dik tal-intrapriżi kif ukoll xi organizzazzjonijiet mhux governattivi. Huwa tajjeb li l-proċess ta' konsultazzjoni u ta' sħubija tal-imsieħba fil-ħidmiet li għandhom x'jaqsmu miegħu jiġi kkunsidrat mill-bidu bħala suċċess fih innifsu. Dawn il-ħidmiet wasslu għal proposta dwar mezz ġdid ta' kooperazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Ir-reġjuni ta' tmien Stati Membri iżda wkoll ta' Stati li mhumiex membri tal-Unjoni, li għandhom kważi mitt miljun abitant, jistgħu jfasslu proġetti, jistabbilixxu prijoritajiet u jimplimentaw miżuri li jirriflettu l-objettivi komuni tagħhom. L-objettiv ewlieni għandu jkun dak li tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-ambjent u żvilupp ekonomiku u soċjali armonjuż.

L-istrateġija hija bbażata fuq erba' pilastri li għandhom l-għan li jieħdu vantaġġ b'mod iktar effikaċi mill-programmi komunitarji u mill-politiki nazzjonali, jiġifieri:

- il-protezzjoni tal-ambjent;
- iż-żieda tal-prosperità tar-reġjun;
- it-titjib tal-aċċessibilità u l-attrazzjoni;
- il-garanzija tas-sigurtà u l-protezzjoni tar-reġjun.

Barra minn hekk, l-istrateġija ġiet suddiviża fi 15-il qasam prijoritarju u tfasslu wkoll iktar minn 70 proġett ewlieni.

Bħala punt tat-tluq, l-istrateġija kellha l-proġetti u l-inizjattivi li diġà ġew żviluppati fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, kemm fil-qafas tal-Unjoni kif ukoll tal-kooperazzjoni diretta bejn l-Istati Membri f'dan ir-reġjun. Madankollu, dawn il-proġetti u dawn l-inizjattivi ġew inklużi fl-oqfsa ġodda ta' kooperazzjoni u bbażati fuq il-prinċipju ta' approċċ integrat tal-politika użata.

Sabiex l-istrateġija mfassla hekk ikollha suċċess, bla dubju ta' xejn jeħtieġ li l-miżuri meħuda skont il-politiki kollha li għandhom impatt territorjali jiġu kkoordinati, għax huwa biss

permezz tal-assoċjazzjoni tal-miżuri u r-riżorsi disponibbli bbażati fuq objettivi definiti flimkien fuq territorju partikolari li jkun possibbli li jinkisbu l-aħjar riżultati. L-isfidi bħat-tibdil fil-klima jistgħu jissolvew b'mod effikaċi hekk kif aħna nibdew nikkunsidraw il-politiki l-oħra li jinfluwenzawhom direttament (is-sajd jew il-politika agrikola komuni, pereżempju).

L-istrateġija tinvolvi wkoll l-infurzar tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien li ma jagħmlux parti mill-Unjoni u li t-territorju tagħhom jagħmel parti minn żona funzjonali stabbilita minn makroreġjun partikolari jew jinfluwenza direttament lil dan tal-aħħar. Pereżempju, meta wieħed jasal biex jiżgura l-indafa tal-ilmijiet tal-Baltiku, ma jistax jinjora l-fatt li x-xmajjar ta' ċerti pajjiżi jispiċċaw f'dan il-baħar, anki jekk dawn il-pajjiżi m'għandhomx aċċess dirett għalih.

L-isfida ewlenija fl-implimentazzjoni tal-istrateġija għar-reġjun tal-Baħar Baltiku tikkonsisti fit-twaqqif ta' struttura ta' kooperazzjoni adegwata kif ukoll mezz ta' koordinazzjoni u sistema ta' ġestjoni effikaċi.

Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkun iċ-ċentru strateġiku għall-kontroll integrat tat-twettiq tagħha. Madankollu, wieħed jibża' li l-Kummissjoni bħalissa m'għandhiex biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani biex tkun tista' tiżgura b'mod effikaċi din il-biċċa xogħol.

Madankollu l-implimentazzjoni tal-istrateġija fiha nnifisha għandha tkun ir-responsabilità tal-Istati Membri. Fil-fatt jidher li t-twaqqif ta' strutturi organizzattivi u amministrattivi ġodda ma jissemmiex u mhux se jikkontribwixxi għal effikaċja ikbar.

Dan it-tip ta' approċċ naturalment jeħtieġ sforz ta' organizzazzjoni addizzjonali u kooperazzjoni kbira bejn l-istituzzjonijiet, l-organizzazzjonijiet u l-imsieħba fil-qafas tad-diversi politiki Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli, irrakkomandat mill-Kumitat tar-Reġjuni[1].

Fl-ispirtu ta' dan il-prinċipju, hija preċiżament ir-responsabilità tal-awtoritajiet reġjonali, tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tal-assoċjazzjonijiet, li l-iktar huma konxji mis-sitwazzjoni u r-riżorsi tagħhom, li jimplimentaw il-proġetti fil-qafas tal-istrateġija. Is-suċċess tagħha jiddependi mill-azzjonijiet tagħhom.

Barra minn hekk, sabiex il-kunċett tal-approċċ integrat ma jkunx sempliċiment slowgan, sabiex l-istrateġija ma tibqax biss grupp ta' proġetti differenti u sabiex iġġib magħha valur miżjud, jeħtieġ li jintwerew il-ħtiġijiet konkreti tal-evalwazzjoni, ibbażati fuq sensiela ta' indikaturi li jippermettu li jsir paragun. Huwa importanti li r-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija, previst għall-2011, jagħti stampa realistika tal-kisbiet u d-diffikultajiet tagħha u dan għandu jippermetti li eventwalment tiġi kkoreġuta u mtejba u b'hekk tingħata impetu ġdid għall-futur.

Huwa tajjeb li wieħed jirrifletti dwar il-possibilità li fil-futur jittieħed vantaġġ mill-esperjenzi akkumulati fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija, u b'mod iktar partikolari dwar il-kwistjoni li wieħed ikun jaf jekk dan jittrattax il-mezz indikat għall-iżvilupp tal-politika ta' koeżjoni jew le u jekk huwiex hekk li għandha tiżviluppa l-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea. It-twaqqif ta' makroreġjuni – żoni funzjonali magħmula minn reġjuni miġbura skont objettivi jew problemi ta' żvilupp komuni, li jħaddnu karatteristiċi u kundizzjonijiet ġeografiċi komuni – huwa mezz effikaċi biex wieħed jidħol għall-isfidi tal-politika ta' koeżjoni futura?

---

[3] Communication from the Commission to the European Parliament, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions concerning the European Union Strategy for the Baltic Sea Region (COM(2009)248 final, 10 June 2009).

8.4.2010

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u r-rwol tal-makroreġjuni fil-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni
(2009/2230(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Adam Bielan

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa konvint li l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u l-pjanijiet ta' azzjoni assoċjati magħha proposti mill-Kummissjoni jistgħu jirnexxu iktar permezz ta' kooperazzjoni kostruttiva u bbilanċjata mas-sħab esterni fir-reġjun, inklużi r-Russja, in-Norveġja, il-Bjelorussja u entitajiet intergovernattivi u nongovernattivi;

2. Itenni l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2009[1] li jadottaw l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u li jagħmlu nota dwar kif din hija strateġija interna tal-UE li biha l-aspetti esterni tal-kooperazzjoni se jiġu indirizzati fi ħdan il-qafas tad-Dimensjoni tat-Tramuntana, kif ġie ddikjarat ukoll fir-riżoluzzjoni inizjali tal-Parlament Ewropew ta' Novembru 2006; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' kooperazzjoni settorjali mill-qrib man-Norveġja, il-Bjelorussja u, b'mod partikolari, mar-Russja, l-uniku pajjiż li mhuwiex fl-UE iżda li għandu aċċess dirett għall-Baħar Baltiku, speċjalment rigward l-infrastruttura, is-sigurtà tat-trasport marittimu, il-ġestjoni u l-kwalità tal-ilma u l-ewtrofikazzjoni, iżda jenfasizza li dan m'għandux iwassal għall-ħolqien ta' strutturi burokratiċi addizzjonali; jinnota speċifikament l-istatus tat-territorju tal-Oblast ta' Kaliningrad, li hu mdawwar minn Stati Membri tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi stimulat l-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'dan ir-reġjun, bħala reġjun li jkun ta' 'passaġġ' jew 'pilota' għal relazzjoni eqreb bejn l-UE u r-Russja li tinvolvi NGOs, istituzzjonijiet edukattivi u kulturali u awtoritajiet lokali u reġjonali;

[1] Dok. 13744/09.

3. Jemmen li l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni l-ġdid mar-Russja għandu jqis il-kooperazzjoni fiż-Żona tal-Baħar Baltiku; jilqa' l-isforzi mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-reġjun biex jikkooperaw mar-Russja f'għadd kbir ta' oqsma, bħall-konnessjonijiet tat-trasport, it-turiżmu, theddid transkonfinali għas-saħħa, il-ħarsien ambjentali u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-ambjent, id-dwana u l-kontrolli fuq il-fruntieri u, b'mod partikolari, il-kwistjonijiet dwar l-enerġija; jemmen li l-ispazji komuni tar-Russja u l-UE se jipprovdu qafas siewi f'dan ir-rigward, u jistieden lir-Russja biex ikollha sehem ugwali f'din il-kooperazzjoni; jenfasizza li l-progress mir-Russja rigward l-istat tad-dritt ikun ta' għajnuna kbira għat-tisħiħ tar-relazzjoni bejn l-UE u r-Russja;

4. Jenfasizza l-importanza tar-reġjun għas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa u jitlob l-iżvilupp tal-proġetti tal-UE bl-għan li jtejbu l-konnessjonijiet tal-enerġija bejn l-Istati Membri fiż-żona;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li tonqos id-dipendenza tar-reġjun fuq l-enerġija Russa; jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ħtieġa għal iżjed interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri fir-reġjun u diversifikazzjoni ikbar tal-provvisti tal-enerġija; jitlob f'dan ir-rigward għal iżjed appoġġ għall-ħolqien ta' portijiet tal-gass naturali likwifikat (LNG);

6. Jitlob għal rispett speċjali għall-ħarsien ambjentali fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Proġett Nord Stream; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew, skont ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2008[1], dwar jekk il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali nazzjonali tal-pipeline tal-gass ippjanata fil-Baħar Baltiku twettqu b'mod konformi mal-liġi ambjentali internazzjonali;

7. Huwa mħasseb ħafna dwar il-manuvri militari konġunti u reċenti tal-Bjelorussja u r-Russja, bl-għan li – fost affarijiet oħra – jiddefendu l-Pipeline tan-Nord Stream; jesprimi l-oppożizzjoni bis-sħiħ tiegħu għall-fatt li l-proġett Nord Stream jintuża bħala skuża għal preżenza militari msaħħa tar-Russja fil-Baħar Baltiku;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon l-ammont ta' EUR 20 miljun allokat fil-baġit tal-UE għall-2010 għall-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku; jinnota li dan huwa miżjud ma' fondi oħra bħall-fondi strutturali, u li bħala parti mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija jista' jintuża biss għall-azzjoni esterna, li fil-fatt tfisser il-kooperazzjoni mar-Russja u l-Bjelorussja; jitlob li l-fondi tal-ġejjieni allokati għall-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku jiġu ttrasferiti għall-Kapitolu 1 tal-baġit tal-UE sabiex ikunu jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-koordinaturi u s-sħab ewlenin tal-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, partikolarment fil-kuntest tal-ilħiq tal-għanijiet tas-sostenibilità, u jitlob li ma tiġix esklużа l-possibilità ta' sejba ta' riżorsi finanzjarji addizzjonali, partikolarment permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Nordiku tal-Investiment;

9. Jinnota l-impatt qawwi li kellha l-kriżi dinjija finanzjarja u ekonomika fuq il-pajjiżi kollha fir-reġjun, b'mod partikolari fl-istati Baltiċi; jistieden lill-partijiet interessati kollha biex ma jnaqqsux l-impenn tagħhom lejn l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku minħabba l-kriżi;

[1] ĠU C 294 E, 3.12.2009, p. 3.

10. Jiddispjaċih, madankollu, li l-Kummissjoni għadha ma ħallsitx il-fondi allokati għall-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku; ifakkar lill-Kummissjoni, għalhekk, dwar l-importanza tal-iżgurar li l-fondi jitħallsu u jintużaw skont it-talbiet tal-Parlament Ewropew;

11. Jenfasizza s-sensittività tar-reġjun minħabba l-pożizzjoni strateġika tiegħu; jagħmel enfasi wkoll fuq il-fatt li t-titjib tar-relazzjonijiet mas-sħab esterni fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku jkun ta' vantaġġ għall-UE kollha;

12. Huwa konvint li s-suċċess ta' kwalunkwe politika tal-UE bħall-Istrateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku se jiġi evalwat f'termini tar-riżultati prattiċi li għandhom ikunu viżibbli u tanġibbli għaċ-ċittadini, u li, fid-dawl tal-gravità tal-isfidi ambjentali, dawk relatati mal-infrastruttura u l-isfidi l-oħra li qed jaffronta r-Reġjun tal-Baħar Baltiku, huwa ta' importanza kritika li s-soċjetà ċivili organizzata tkun aktar involuta;

13. Itenni, f'dan ir-rigward, li biex il-proġetti transkonfinali jsiru iktar effikaċi, ir-Russja għandha tinkorpora malajr l-aqwa prattika internazzjonali dwar it-trasparenza u l-kontabilità pubblika fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha u għandha tirratifika l-Konvenzjoni ta' Espoo dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 8.4.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 42<br>–: 0<br>0: 10 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Gabriele Albertini, Elmar Brok, Mário David, Marietta Giannakou, Anna Ibrisagic, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Alexander Graf Lambsdorff, Krzysztof Lisek, Ulrike Lunacek, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, Andreas Mölzer, Raimon Obiols, Ria Oomen-Ruijten, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Bernd Posselt, Cristian Dan Preda, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Adrian Severin, Marek Siwiec, Ernst Strasser, Hannes Swoboda, Charles Tannock, Inese Vaidere, Kristian Vigenin |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Laima Liucija Andrikienė, Elena Băsescu, Adam Bielan, Diogo Feio, Elisabeth Jeggle, Metin Kazak, Evgeni Kirilov, Norbert Neuser, Tomasz Piotr Poręba, Vittorio Prodi, Marietje Schaake, György Schöpflin, Traian Ungureanu |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Marije Cornelissen, Franziska Keller, Marek Henryk Migalski, Michail Tremopoulos |

7.4.2010

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u r-rwol tal-makroreġjuni fil-politika ta’ koeżjoni futura
(2009/2230(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Anna Rosbach

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha li jinsabu madwar ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku jindirizzaw b'urġenza l-problemi ambjentali serji li qed jaffettwaw lir-reġjun, li ewlenin fosthom hemm l-ewtrofikazzjoni, l-impatt ta' sustanzi perikolużi ddepożitati f'qiegħ il-baħar u t-theddid għall-bijodiversità akkwatika, b'referenza partikolari għall-popolazzjonijiet ta' ħut li jinsab f'periklu ta' estinzjoni; ifakkar li l-Baħar Baltiku huwa wieħed miż-żoni tal-baħar l-aktar imniġġsa fid-dinja;

2. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati d-daqs tal-gassijiet militari tossiċi u l-post fejn intremew fit-Tieni Gwerra Dinjija, flimkien ma' pjanijiet għar-rimi tagħhom, u li jiġi vvalutat ir-riskju minn proġetti f'qiegħ il-baħar Baltiku;

3. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi introdott metodu komuni għall-Istati Membri kollha biex jitfassal inventarju tas-sorsi ta' tniġġis u pjan għall-eliminazzjoni gradwali tagħhom;

4. Jilqa' b’sodisfazzjon l-inklużjoni tas-sostenibilità ambjentali bħala pilastru ċentrali fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u l-Pjan ta' Azzjoni ta' magħha;

5. Iqis, madankollu, li minkejja l-attenzjoni li l-Istrateġija tagħti lill-ambjent tal-baħar, il-proġetti taħt il-Pjan ta' Azzjoni għandhom jindirizzaw ukoll u jagħtu prijorità kif suppost lill-kwistjonijiet ambjentali li jaffettwaw iż-żoni interni tar-reġjun; jitlob, għalhekk, li l-

komunitajiet tal-kosta li ilhom jeżistu sekli sħaħ u li huma involuti f'attivitajiet marittimi tradizzjonali jiġu protetti u appoġġati u li l-pajsaġġ tal-kosta u l-patrimonju naturali jiġu rrispettati, fost l-oħrajn permezz tal-introduzzjoni ta' pjanijiet għall-użu sostenibbli tal-art u l-prevenzjoni tal-isfruttament eċċessiv għal għanijiet turistiċi;

6. Jinnota li l-livelli ta' nutrijenti mill-agrikoltura fil-parti l-kbira huma responsabbli għall-ewtrofikazzjoni tal-Baħar Baltiku; jinsisti għalhekk li bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jintroduċu miżuri li jmorru lil hinn mir-regoli li attwalment jinsabu fil-Politika Agrikola Komuni (PAK) sabiex jitnaqqsu l-livelli ta' nutrijenti b'mod sinifikanti;

7. Iqis li wieħed mill-aktar ostakli serji biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku huwa n-nuqqas ta' konsistenza ma' oqsma oħra ta' politika fl-UE, bħal m’hi l-PAK, li jaggrava l-ewtrofikazzjoni, u l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), li mhix ambjentalment sostenibbli; iqis li r-riformi tal-PAK u tal-PKS għandhom isiru b'mod li jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-objettiv ta' żona tal-Baħar Baltiku ambjentalment sostenibbli;

8. Jenfasizza li l-bini tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass Nord Stream huwa l-aktar proġett strateġikament sinifikanti fir-reġjun bħalissa u se jkollu effetti estensivi fuq l-ambjent tiegħu; għaldaqstant jiddispjaċih li l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni msemmijin hawn fuq ma jittrattawx b'mod speċifiku l-bini tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass Nord Stream u proġetti simili oħrajn u l-konsegwenzi ambjentali tagħhom;

9. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib fost il-pajjiżi tar-reġjun tal-Baħar Baltiku, skont il-Konvenzjoni ta' Espoo, il-Konvenzjoni ta' Ħelsinki u l-linji gwida tal-Kummissjoni ta' Ħelsinki (HELCOM), għal dawk li huma proġetti li jista' jkollhom impatt radikali fuq il-kwalità tal-ambjent tar-reġjun;

10. Jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex b'mod urġenti jieħdu passi, f'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament imfissra fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2008 dwar l-impatt ambjentali tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass ippjanata fil-Baħar Baltiku biex tgħaqqad ir-Russja mal-Ġermanja[1], biex jiżguraw li l-proġetti taħt il-Pjan ta' Azzjoni jivvalutaw kif suppost l-effetti ambjentali negattivi tal-iskema tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass u jtaffuhom; iqis ukoll li n-Nord Stream innifisha għandha tkun responsabbli għall-finanzjament tal-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-kostruzzjoni tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass ma tagħmilx ħsara lill-ambjent tal-Baħar Baltiku; jitlob, fl-istess ħin, biex fil-ġejjieni ma jsirux proġetti li mhumiex meħtieġa minħabba li jistgħu jsiru fuq l-art;

11. Iqis li l-fosfati mid-diterġenti għandhom ikunu pprojbiti fl-UE kollha mill-aktar fis possibbli; jinnota li din il-miżura tista' ġġib ġid ambjentali ċar lill-Baħar Baltiku u żoni oħrajn;

12. Jenfasizza li l-kwistjonijiet ambjentali għandhom jitqiesu u jiġu inkorporati kompletament fi kwalunkwe approċċ jew strateġija simili li tiġi applikata u żviluppata fil-futur f'makroreġjuni oħra tal-UE - bħal m’huma d-Danubju, iż-Żona tal-Alpi jew il-Mediterran;

[1] ĠU C 294E, 3.12.2009, p. 3.

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura kooperazzjoni u koordinazzjoni effikaċi mal-HELCOM u mal-Istati Membri tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, biex tiżgura delinjazzjoni ċara tal-kompiti u r-responsabilitajiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2007 tal-HELCOM għall-Baħar Baltiku u l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE msemmijin hawn fuq, u biex b'hekk tiżgura li jkun hemm strateġija globali effikaċi għar-reġjun;

14. Iqis li l-Kooperazzjoni fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku għandha tiġi prijoritizzata u għandha ssir fl-ogħla livell politiku ta' Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern, minħabba li hija importanti biex titmexxa 'l quddiem il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Baħar Baltiku u biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-ambizzjonijiet politiċi; jistenna li jsiru laqgħat regolari bejn il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fir-reġjun tal-Baħar Baltiku biex dan jintlaħaq;

15. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' linja baġitarja separata għall-Istrateġija għall-Baħar Baltiku fil-baġit tal-UE; jilqa' wkoll l-EUR 20 miljun allokati għall-Istrateġija fil-baġit 2010; jitlob, madankollu, li jkun hemm finanzjament aktar fit-tul tal-Istrateġija fil-qafas tal-baġit tal-UE biex jiġu ffinanzjati miżuri li mhumiex koperti mill-Fondi Strutturali;

16. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku s'issa mxiet bil-mod wisq; iqis li l-approprjazzjonijiet allokati fil-baġit 2010 tal-UE jistgħu jintużaw biex titjieb l-implimentazzjoni; jiddispjaċih, għalhekk, li dawn l-approprjazzjonijiet għadhom ma tħallsux u jfakkar lill-Kummissjoni dwar l-importanza li dawn il-flus jiġu allokati mill-aktar fis possibbli għal iskopijiet li huma konformi mal-miri tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 7.4.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 54<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | János Áder, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Milan Cabrnoch, Martin Callanan, Nessa Childers, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Julie Girling, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Christa Klaß, Jo Leinen, Peter Liese, Kartika Tamara Liotard, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Catherine Soullie, Salvatore Tatarella, Anja Weisgerber, Glenis Willmott, Sabine Wils |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Bill Newton Dunn, Justas Vincas Paleckis, Alojz Peterle, Bart Staes, Michail Tremopoulos, Thomas Ulmer, Marita Ulvskog |

24.3.2010

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u r-rwol tal-makroreġjuni fil-politika ta' koeżjoni tal-ġejjieni
(2009/2230(INI))

Rapporteur: Werner Kuhn

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li konnessjonjiet imtejba, li jinvolvu l-modi kollha tat-trasport, jirrappreżentaw kontribut essenzjali għall-iżvilupp ta' ekonomija b'aktar saħħa u koeżjoni fir-reġjun tal-Baħar Baltiku;

2. Iqis li l-inklużjoni tal-istati kostali kollha hija ħaġa ta' min jixtieqha biex jinġieb 'il quddiem spazju pan-Ewropew tat-trasport effiċjenti u interoperabbli li jutilizza u jtejjebl-infrastruttura eżistenti, partikolarment għall-merkanzija ferrovjarja, it-trasport fuq il-baħar u l-ilmijiet interni u mezzi sostenibbli tat-trasport;

3. Jisħaq fuq is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Baltiċi, li fil-preżent huma iżolati min-netwerk tat-trasport Ewropew, u huwa tal-fehma li din l-istrateġija għandha, fost l-oħrajn, tgħin biex tindirizza n-nuqqas ta' infrastruttura u aċċessibbiltà adegwati, kif ukoll interoperabbiltà baxxa bejn id-diversi netwerks nazzjonali tat-trasport minħabba sistemi tekniċi differenti u ostakli amministrattivi, biex tintlaħaq sistema komprensiva tat-trasport multimodali fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku;

4. Jenfasizza l-importanza li r-Reġjun tal-Baħar Baltiku jiġi integrat aktar mill-qrib fl-assi prijoritarji tat-TEN-T, b'mod partiolari rigward l-Awtostradi tal-Baħar (TEN-T 21), l-estensjoni tal-assi ferrovjarja minn Berlin sal-kosta tal-Baltiku (TEN-T 1), it-titjib tal-assi ferrovjarja bejn Berlin u l-kosta tal-Baltiku flimkien mal-konnessjoni marittima Rostock-Danimarka, u l-ilħiq ta' progress aktar rapidu fit-titjib u l-użu tal-assi Rail Baltica (TEN-

T 27); jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu kkompletati l-interkonnessjonijiet bejn ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku u reġjuni Ewropej oħra permezz tal-kuritur Baltiku-Adrijatiku;

5. Jenfasizza l-ħtieġa għall-iżvilupp ta' sistema tat-trasport fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-aċċessibbiltà u l-appell tar-reġjun, u biex ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku jingħaqad man-netwerk tat-trasport Ewropew; jemmen li l-Kummissjoni għandha tissokta b'reviżjonijiet regolari dwar it-twettiq ta' proġetti prijoritarji, u għandha wkoll tipprovdi l-finanzi meħtieġa għall-implimentazzjoni aktar rapida tagħhom;

6. Jenfasizza li wieħed mill-għanijiet komuni tal-Politika Ewropea dwar il-Portijiet hija li l-portijiet tal-baħar Ewropej isiru aktar kompetittivi, minħabba li spiss jiffaċċaw kompetizzjoni inġusta minn portijiet barra l-UE kif ukoll miżuri diskriminatorji adottati fis-swieq reġjonali rilevanti minn pajjiżi li jmissu mal-UE, u jinnota s-sitwazzjoni tal-portijiet tal-Baħar Baltiku f'dan ir-rigward;

7. Jisħaq li huwa importanti li l-kapaċità tat-trasport tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku tittejjeb lejn il-Lvant, partikolarment biex tippromwovi l-interoperabbiltà tat-trasport, speċjalment għall-ferroviji, u li jitħaffef it-tranżitu tal-merkanzija fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea;

8. Jemmen li għandha tingħata prijorità partikolari lill-konnessjonijiet bejn il-portijiet u r-reġjuni interni, inkluż permezz tal-ilmijiet interni navigabbli, b'tali mod li jkun żgurat li l-partijiet kollha tar-reġjun jistgħu jibbenefikaw mit-tkabbir tat-trasport marittimu tal-merkanzija;

9. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal koordinament u l-kooperazzjoni transkonfinali effikaċi bejn il-ferroviji, il-portijiet tal-baħar, il-portijiet interni, it-terminals fl-intern u l-loġistika biex tiżviluppa sistema tat-trasport intermodali aktar sostenibbli;

10. Jenfasizza l-importanza ta' traffiku marittimu ta' distanzi qosra fil-Baħar Baltiku u l-kontribut tiegħu lejn netwerk ta' trasport effiċjenti u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent; jinnota li l-kompetittività ta' konnessjonijiet marittimi qosra jeħtieġ li tiġi promossa biex niżguraw użu effiċjenti ta-baħar; jemmen, għal din ir-raġuni, li l-Kummissjoni jeħtieġ li tipprovdi lill-Parlament Ewropew, mill-aktar fis possibbli, imma mhux aktar tard minn tmiem l-2010, valutazzjoni tal-impatt tal-effetti tal-Anness VI rivedut għall-Konvenzjoni MARPOL, li mill-2015 jillimita l-kubrit fil-fjuwil marittimu għal 0.1% fiż-żoni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku fejn isir monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-kubrit.

11. Jenfasizza li, ukoll f'dan ir-reġjun, it-tbaħħir għandu jsir aktar favur l-ambjent billi japplika standards aktar stretti għal-livelli lokali u globali tal-emissjonijiet mill-bastimenti, filwaqt li jtejjeb il-kwalità tal-magni tal-bastimenti u l-kwalità tal-fjuwil tagħhom;

12. Jilqa' l-inklużjoni, fil-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni, tal-mira li l-Baħar Baltiku jsir reġjun mudell għat-tbaħħir nadif, u jkun minn ta' quddiem fid-dinja f'dak li jirrigwarda s-sikurezza u s-sigurtà marittima; iqis li dawn il-miri huma kruċjali biex il-potenzjal tar-reġjun għat-turiżmu jinżamm u jissaħħaħ;

13. Jirrikonoxxi l-ħtieġa għal miżuri speċifiċi b'appoġġ għal din il-mira, inklużi l-użu xieraq ta' bdoti marittimi jew baħħara ta' esperjenza bil-provi għall-istretti u l-portijiet l-aktar

diffiċli, u l-istabbiliment ta' skemi affidabbli ta' finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp dwar is-sostenibbiltà tat-tħaddim tal-bastimenti;

14. Jagħraf li l-lok ġeografiku tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku huwa eċċezzjonali, u li dan il-lok jipprovdi opportunitajiet biex ir-rabtiet mal-UE u mal-pajjiżi esterni ġirien jiġu żviluppati aktar attivament, u jenfasizza wkoll l-importanza tat-turiżmu għal-ekonomija reġjonali flimkien mal-lok għall-espansjoni; jilqa' d-dikjarazzjoni adottata fit-Tieni Forum dwar it-Turiżmu fil-Baħar Baltiku, fejn saru referenzi għal attivitajiet promozzjonali konġunti, għal sforzi biex jinsabu swieq internazzjonali ġodda u għall-iżvilupp tal-infrastrutturi;

15. Jenfasizza l-opportunità unika għal turiżmu sostenibbli li toffri l-attrazzjoni tal-bliet Ħanseatċi fir-Reġjun tal-Baltiku; jappoġġa, barra minn hekk, il-promozzjoni ta' turiżmu transkonfinali bir-roti, li joħloq effetti ta' benefiċċju reċiproku għall-ambjent kif ukoll għall-impriżi żgħar u medji;

16. Iqis li temi bħalma huma t-turiżmu tal-isport nawtiku, it-turiżmu tal-benessri u tal-kuri termali, il-wirt kulturali u l-pajsaġġi joffru potenzjal kbir biex jiżviluppaw il-profil tar-reġjun bħala destinazzjoni turistika; jisħaq, għaldaqstant, fuq il-ħtieġa tal-protezzjoni taż-żoni naturali tal-kosta, tal-pajsaġġi u tal-wirt kulturali bħala riżorsa li tiżgura ekonomija sostenibbli fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku fil-ġejjieni;

2. 17. Iqis li t-titjib tal-konnessjonijiet tat-trasport u l-elminazzjoni tal-passaġġi diffiċli xejn mhuma anqas importanti, u jinnota li d-diffikultajiet fil-qsim bejn pajjiż u ieħor fil-punti ta' kontroll fil-fruntiera tal-Lvant tal-UE mal-Federazzjoni Russa, li jikkawżaw kjuwijiet twal ta' trakkijiet u jirrappreżentaw theddida għal-ambjent, għall-armonija soċjali, għas-sikurezza tat-traffiku u għal dik tas-sewwieqa, jistgħu jissolvew permezz ta' din l-istrateġija biex ikun żgurat il-fluss bla ntoppi tal-merkanzija fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 23.3.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 36<br>–: 1<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Alvarez, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Michael Cramer, Christine De Veyrac, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hella Ranner, Vilja Savisaar, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Dirk Sterckx, Silvia-Adriana Ţicău, Georgios Toussas, Giommaria Uggias, Thomas Ulmer, Peter van Dalen, Dominique Vlasto, Artur Zasada, Roberts Zīle |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Zigmantas Balčytis, Philip Bradbourn, Isabelle Durant, Tanja Fajon, Ádám Kósa, Dominique Riquet, Laurence J.A.J. Stassen, Sabine Wils, Janusz Władysław Zemke |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 3.6.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 43<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Sophie Auconie, Catherine Bearder, Jean-Paul Besset, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Francesco De Angelis, Rosa Estaràs Ferragut, Elie Hoarau, Danuta Maria Hübner, Ian Hudghton, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Seán Kelly, Evgeni Kirilov, Constanze Angela Krehl, Jacek Olgierd Kurski, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Franz Obermayr, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Michail Tremopoulos, Lambert van Nistelrooij, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Bairbre de Brún, Ivars Godmanis, Karin Kadenbach, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Peter Simon, László Surján, Sabine Verheyen |